# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli :

(a) "nhar 23.11.2013 ghal habta ta 23:00hrs gewwa Triq Bormla, Paola, bħala sid ta Taboo Bar, Paola indaqq strument tal-mużika jew strument ieħor li ghamel hoss, jew Ghana, jew sabiex tbiegħ fit-toroq, tbiegħ, tqassam jew ixandar xi oġġett, għajjat fi triq, f'ħanut jew f'lok pubbliku ieħor, wara li kont ġejt imwissi biex ma tissoktax mid-detentur jew mill-persuna li tkun toqgħod f'bini qrib, minħabba l-mard ta' persuna f'dak il-bini jew għal xi raġuni oħra tajba, jew wara li gejt hekk imwissi mill-Pulizija u dan bi ksur tal-Art 41(1) tal-Kap 10.

(b) Kif ukoll fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ippermettejt jew hallejt min ipejjep f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku fejn jigi ofrut ikel u xorb u dan bi ksur LN414/2004.

(c) Kif ukoll nhar 24.11.2013 ghal habta ta 01:30hrs zammejt l-istess stabbiliment miftuh wara 01:00hrs u dan bi ksur ta LS441.07 it-Tieled Skeda, Taqsima II 03.

(d) Kif ukoll ghamilt b'diversi atti mghamulin minnek ukoll fi zminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkun gew mghamula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Art 18 tal-Kap 9.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Il-Qorti hija konsapevoli mill-fatt li bejn il-parte civile u l-imputat żviluppat kontroversja li sfoċat f'ammont kbir ta' kwereli u kawżi kontra l-imputat mill-parte civile. Din il-Qorti għalhekk ġabret flimkien dawk il-kawżi kollha li kienu jittrattaw l-istess meritu bejn l-istess partijiet u għażlet li tittrattahom kollha flimkien għall-ekonomija tal-ġudizzju.

Inoltre, il-Qorti kienet sa mill-bidu nett, fil-preżenza tal-partijiet debitament assistiti, ordnat sabiex ix-xiehda tal-parte civile, r-relazzjonijiet tal-Professur Joseph Agius u r-rappreżentant tal-Awtorita ta' Malta dwar it-Turiżmu ikunu meħuda b'xiehda f'dawk il-kawżi kollha li kienu jinvolvu lill-imputat u l-parte civile u li l-Qorti ordnat li għandhom jiġu mismugħa kontestwalment, naturalment safejn tali xiehda kienet applikabbli u dan għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ħin stante n-numru kbir ta' kawżi li kienu ġew intavolati.

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tosserva li l-Prosekuzzjoni għoġobha timputa r-reat maħluq mill-Artikolu 41(1) tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa biex jiġi integrat dan ir-reat irid jiġi pruvat li s-suġġett attiv ikun semma' jew daqq strument tal-mużika jew strument ieħor li jagħmel ħoss .... **wara** li jkun ġie mwissi biex ma jissoktax mid-detentur jew persuna li tkun toqgħod f'bini fil-qrib, minħabba mard ta' persuna f'dak il-bini jew għal xi raġuni oħra tajba, jew wara li jiġi hekk imwissi mill-Pulizija. F'dan il-każ ma tresqitx il-prova li l-imputat kien ġie mwissi biex ma jissoktax mid-detentur jew persuna li tkun toqgħod fil-qrib jew mill-Pulizija.

Naturalment il-Qorti hija konsapevoli minn diversi episodji preċedenti li fihom l-imputat kien mitlub biex jieqaf jiġġenera storbju kif ukoll li kien "mitkellem" diversi drabi mill-Pulizija. Iżda dawn il-fatti ma joħorġux

mill-provi li tresqu f'dan il-każ. U din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq provi li ma jkunux jirriżultaw mill-atti tal-każ li hija tkun qed titratta. Biss f'dan il-każ jirriżulta li l-kwerelant mar jagħmel il-kwerela tiegħu fuq l-allegati ħsejjes ġenerati mill-istabbiliment ġestit mill-imputat. Biss mill-provi prodotti, anke meta tgħaqqad ix-xiehda tal-parte civile ma jirriżultax li f'dan l-episodju kontestat lill-imputat, il-kwerelant kien, preċedentement għal dan l-inċident meritu ta' din l-imputazjoni wissa' lill-imputat biex ma jissktax.

Inoltre kwantu għal dak li għamlet il-Pulizija jirriżulta li WPS 167 tgħid li meta l-Pulizija marru fuq il-post, l-imputat "ġie mitkellem" u mhux "ġie mwissi" mill-Pulizija. Din il-Qorti tista' tissoponi dak li qalet il-Pulizija lill-imputat; iżda mill-affidavit ma jirriżultax x'kien il-kliem mistqarr mill-Pulizija lill-imputat. Din il-Qorti ma tistax tissuplimenta din in-nuqqas ta' prova b'konġetturi jew ħsibijiet fuq fatti li ma jkunux irriżultaw mill-provi. Il-Pulizija naqset milli tgħid li wissiet lill-imputat biex jagħlaq il-mużika jew li jieqaf idoqq l-istrument li kien qed jagħmel il-ħoss u naqset ukoll li ġġib il-prova li l-kwerelant kien f'dan il-każ wissa' lill-imputat biex jieqaf jagħmel ħsejjes u li wara dan l-imputat għamel il-ħsejjes jew daqq mużika eċċetra. Fin-nuqqas ta' din il-prova il-Qorti ma tistax tqis dan ir-reat bħala li huwa integrat.

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni jirriżulta li l-Pulizija li xehdet rat u sabet lil Mohamad Kayr Kassem li kien qiegħed ipejjep ġewwa. L-imputat bħala l-persuna responsabbli mill-ġestjoni tal-istabbiliment (li fih il-pubbliku jkollu jew jitħallielu aċċess bi ħlas jew xort'oħra u li ma hux residenza privata) kellu obbligu pożittiv li jara li ma jkunx permess u li ma jkunx qed isir tipjip ta' prodotti tat-tabakk f'xi zona magħluqa għaliha ġewwa l-fond tagħha. Iżda f'dan il-każ wieħed mill-elementi ta' dan ir-reat u li jrid jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni huwa li t-tipjip li jkun qed isir ikun ta' **prodott tat-tabakk**. Dwar dan l-element ma nġiebet ebda prova. Ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li Kassem kien qiegħed ipejjep prodott tat-tabakk u mhux xi sustanza oħra... Minħabba f'hekk dil-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' dan ir-reat.

Illi kwantu għat-tielet imputazzjoni il-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. WPS 167 tixhed li wara li għall-ħabta tas-01:30 il-Pulizija kienu reġgħu irċevew telefonata oħra, l-Pulizija reġgħet marret fuq il-post u sabet illi l-bar ġestit mill-imputat kien għadu miftuħ għalkemm bix-shutter nofsu mniżżel. Issa dil-Qorti jidhrilha li l-Liġi hi ċara u li l-ħanut kellu jkun magħluq għan-negozju u bil-bieb ta' barra magħluq sas-01:00. Il-fatt li kellu l-bieb ta' barra bix-shutter **nofsu mniżżel** kien ifisser li l-ħanut ma kienx magħluq kif suppost kellu jkun sal-ħin regolamentari. Ir-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), jippreskrivi li stabbilimenti tal-*catering* (u l-Qorti hija

wkoll konvinta mill-liċenza ezibita u konfermata li l-fond ġestit mill-imputat huwa liċenzat bħala stabbiliment tal-*catering*) jista' jinżamm miftuh f'kull ġurnata sas-01:00. Fid-data inkriminata dan ir-regolament għalhekk ma ġiex osservat mill-imputat stante li ġie soddisfaċentement ippruvat li kien għadu miftuh wara s-01:00.

Illi kwantu għar-raba imputazzjoni pero jirriżulta li din ma hija imputazzjoni xejn. Jekk il-prosekuzzjoni taġixxi in bażi għal reat kontinwat, dan ma għandux jiġi mmexxi bħala imputazzjoni ad hoc iżda semmai għandu jikkwalifika imputazzjoni jew imputazzjonijiet li l-Prosekuzzjoni tkun trid tqis li jkunu milquta minn din il-fictio legis relattivament għal perjodu ta' żmien li għandu jkun indikat fiċ-ċitazzjoni.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tat-tielet imputazzjoni u wara li rat ir-regolamenti 13, 36 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), u 53 ikoll tal-A.L. 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna

lill-ħati għal ammenda ta' erba' mitt euro (€400) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-liċenza mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' ħmistax il-jum.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***